SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

26 ta' Ġunju 2008 *

Fil-Kawżi magħquda C-329/06 u C-343/06,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Sigmaringen (il-Ġermanja) (C-329/06) u mill-Verwaltungsgericht Chemnitz (il-Ġermanja) (C-343/06), permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' Ġunju u tat-3 ta' Awwissu 2006, li waslu għand il-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Lulju u t-8 ta' Awwissu 2006, rispettivament, fil-kawżi

Arthur Wiedemann (C-329/06)

vs

Land Baden-Württemberg,

u

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Peter Funk (C-343/06)

vs

Stadt Chemnitz,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas (Relatur), President tal-Awla, J. N. Cunha Rodrigues, J. Klučka, A. Ó Caoimh u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' Settembru 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A. Wiedemann, minn G. Stöger, Rechtsanwalt,

— għal P. Funk, minn A. M. Kohn, Rechtsanwalt,

— għal-Land Baden-Württemberg, minn F. Laux, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u C. Schulze-Bahr, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Fernandes u M. Ribes, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn G. Braun u N. Yerrell, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-14 ta' Frar 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2), tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 237, p. 1), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settemrbu 2003 (ĠU L 284, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/439").

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, minn naħa, A. Wiedemann u l-Land Baden-Württemberg (Kawża C-329/06) u, min-naħa l-oħra, bejn P. Funk u l-iStadt Chemnitz (Kawża C-343/06) li jirrigwardaw ir-rifjut tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tirrikonoxxi l-liċenzji tas-sewqan li A. Wiedemann u P. Funk kisbu fir-Repubblika Ċeka wara li l-liċenzji tas-sewqan Ġermaniżi tagħhom ġew irtirati minħabba konsum ta' droga u minħabba konsum ta' alkoħol rispettivament.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Skont l-ewwel premessa tad-Direttiva 91/439, li ħassret l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 80/1263/KEE, tal-4 ta' Diċembru 1980, dwar l-introduzzjoni ta' liċenzja tas-sewqan Komunitarja (ĠU L 375, p. 1), b'effett mill-1 ta' Lulju 1996:

"[…] għall-għan tal-politika komuni tat-trasport, u bħala kontribuzzjoni sabiex titjieb is-sigurtà tat-traffiku fit-toroq, kif ukoll sabiex jeħfief il-moviment tan-nies li jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikunu għaddew minn test tas-sewqan, jixraq illi għandu jkun hemm mudell Komunitarju tal-liċenzja tas-sewqan nazzjonali li tkun rikonoxxuta reċiprokament mill-Istati Membri mingħajr l-ebda obbligu li jiġu mibdula l-liċenzji."

4 Ir-raba' premessa ta' din id-direttiva tipprovdi li:

"[…] għar-raġunijiet tas-sigurtà fuq it-triq, għandhom jiġu stabbiliti l-ħtiġiet minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan."

5 Skont l-aħħar premessa tad-Direttiva 91/439:

"[…] għar-raġunijiet konnessi mas-sigurtà fuq it-triq u mat-traffiku, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi li japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom meta

jirtiraw, jissospendu u jikkanċellaw il-liċenzji tas-sewqan lill-possessuri kollha ta' liċenzja tas-sewqan wara li jkun kisbu r-residenza normali fit-territorju tagħhom."

6 L-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu liċenzja nazzjonali tas-sewqan imsejsa fuq il-mudell Komunitarju deskritt fl-Anness I [jew Ia], skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. […]

2. Il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom ikunu rrikonoxxuti reċiprokament.

3. Meta l-possessur ta' liċenzja nazzjonali valida tas-sewqan imur joqgħod normalment fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun ħariġlu l-liċenzja, l-Istat Membru ospitanti jista' japplika fuq il-possessur tal-liċenzji r-regoli nazzjonali tiegħu fil-perjodu taż-żmien tal-validità tal-liċenzji, il-kontrolli mediċi u l-arranġamenti dwar it-taxxi u jista' jdaħħal fil-liċenzja kull tagħrif indispensabbli għall-amministrazzjoni."

7 Skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 91/439, il-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan huwa suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

"a) li [l-applikanti] jkunu għaddew mit-test tal-ħiliet u l-imġiba u test tat-teorija u li jilħqu l-istandards mediċi, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi II u III;

b) li [l-applikanti] għandhom ir-residenza normali tagħhom fit-territorju ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, jew jistgħu jipproduċu xhieda illi kienu ilhom jistudjaw fih għal mill-inqas sitt xhur."

8 Skont il-punt 14 tal-Anness III ta' din id-direttiva, intitolat "L-istandards minimi tas-saħħa mentali u fiżika sabiex tinsaq vettura li taħdem bil-għajnuna ta' magna", il-konsum tal-alkoħol jikkostitwixxi perikolu kbir għas-sigurtà fit-toroq u huwa mandatorju li jkun hemm kontroll estensiv fil-livell mediku, fid-dawl tal-gravità tal-problema. L-ewwel paragrafu tal-punt 14.1 ta' dan l-anness jipprovdi li "[m]a għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzji tas-sewqan lil applikanti jew sewwieqa li huma dipendenti fuq l-alkoħol jew li mhux kapaċi jieqfu mix-xorb u jsuqu". Mit-tieni paragrafu tal-imsemmi punt 14.1 jirriżulta li "[w]ara perjodu vverifikat taż-żmien ta' astinenza u bla ħsara għall-opinjoni medika awtorizzata u spezzjonijiet mediċi regolari, il-liċenzji tas-sewqan jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu lill-applikanti jew lis-sewwieqa li fl-imgħoddi kienu dipendenti fuq l-alkoħol".

9 Il-punt 15 tal-istess anness jipprovdi li "[m]a għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzji tas-sewqan lill-applikanti jew lis-sewwieqa li huma dipendenti fuq sustanzi psikotropiċi jew li mhumiex dipendenti fuq dawn is-sustanzi iżda jabbużaw minnhom regolarment, tkun xi tkun il-kategorija tal-liċenzja mitluba". Il-punt 15.1 ta' dan l-anness jipprovdi li "[m]a għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzji tas-sewqan lill-applikanti jew lis-sewwieqa li jużaw regolarment sustanzi psikotropiċi, tkun xi tkun il-għamla tagħhom, li jistgħu jfixklu l-abbiltà tas-sewqan fis-sigurtà meta l-kwantitajiet assorbiti huma hekk illi jkollhom effett avvers fuq is-sewqan. Dan għandu japplika għall-prodotti mediċinali l-oħra kollha jew għal-taħlit tal-prodotti mediċinali li jaffettwaw l-abbiltà tas-sewqan".

10 Mill-punt 5 tal-istess anness jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jeżiġu, għall-ħruġ jew għal kull tiġdid sussegwenti ta' liċenzja tas-sewqan, eżami mediku li jirrifletti standards iktar stretti minn dawk imsemmija fl-imsemmi anness.

11 Skont l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 91/439:

"L-ebda persuna ma jista' jkollha liċenzja tas-sewqan minn iktar minn Stat Membru wieħed."

12 L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"[…]

2. Bla ħsara għat-tħaris tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, l-Istati Membri tar-residenza normali jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew it-tħassir tad-dritt tas-sewqan fuq il-possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, jekk meħtieġ, jibdlu l-liċenzja b'dan il-għan.

[…]

4. Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' kull liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lill-persuna li tkun, fit-territorju ta' l-Istat ta' qabel, bla ħsara għal waħda mill-miżuri riferiti fil-paragrafu 2.

[…]"

13 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva jispeċifika li hemm lok li b'residenza "normali" jinftiehem "il-post fejn persuna tgħix normalment, jiġifieri għall-inqas għal 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba rabtiet personali u tax-xogħol, jew, fil-każ ta' persuna li ma jkollhiex irbit ta' xogħol, minħabba r-rabtiet personali li juru rabtiet mill-qrib bejn din il-persuna u l-post fejn tgħix".

14 L-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 91/439 jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għandhom, jekk ikun hemm il-ħtieġa, jibdlu bejn xulxin it-tagħrif dwar il-liċenzji li jkunu rreġistraw."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda r-rikonoxximent tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa minn Stati Membri oħra

15 L-Artikolu 28(1), (4) u (5) tar-Regolament relattiv għall-aċċess ta' persuni għaċ-ċirkolazzjoni fit-toroq (regolament dwar il-liċenzji tas-sewqan) [Verordnung über die Zulassung von Personen zum Straßenverkehr (Fahrerlaubnis-Verordnung], tat-18 ta' Awwissu 1998 (BGBl. 1998 I, p. 2214, aktar 'il quddiem il-"FeV"), jipprovdi:

"(1) Il-possessuri ta' liċenzja tas-sewqan valida tal-[Unjoni Ewropea] jew taż-[Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem iż-'ŻEE')] li jkollhom ir-residenza normali tagħhom fis-sens tal-Artikolu 7(1) jew (2) fil-Ġermanja huma awtorizzati — mingħajr ħsara għar-restrizzjoni prevista fil-paragrafi 2 sa 4 — isuqu vetturi f'dan il-pajjiż fil-limitu tad-drittijiet li huma għandhom. Il-kundizzjonijiet marbuta mal-liċenzji tas-sewqan ta' pajjiżi oħra huma rrispettati wkoll fil-Ġermanja. Għajr dispożizzjonijiet kuntrarji, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw għal dawn il-liċenzji tas-sewqan.

[…]

(4) L-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-possessuri ta' liċenzja tas-sewqan tal-[Unjoni] jew taż-ŻEE,

[…]

3. li l-liċenzja tas-sewqan tagħhom tkun ġiet suġġetta, fil-Ġermanja, għal miżura ta' rtirar provviżorju jew definittiv minn qorti, jew għal miżura ta' rtirar eżegwibbli b'mod immedjat jew definittiv meħuda minn awtorità amministrattiva, li għalihom il-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet miċħuda b'deċiżjoni definittiva jew li għalihom il-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet irtirata u dan mhux minħabba li jkunu rrinunzjaw għaliha fil-frattemp,

[…]

(5) Id-dritt tal-użu ta' liċenzja tas-sewqan tal-[Unjoni] jew taż-ŻEE fil-Ġermanja jingħata, wara li tkun saret applikazzjoni għalih u wara li tittieħed waħda

mid-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti 3 u 4 tal-paragrafu 4, meta r-raġunijiet li jkunu ġġustifikaw l-irtirar ta' jew il-projbizzjoni ta' applikazzjoni għad-dritt tas-sewqan ma jkunux għadhom eżistenti. […]"

Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan

16 Skont l-Artikolu 69 tal-Kodiċi Kriminali (Strafgesetzbuch), il-qorti kriminali tordna l-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan jekk mill-fatti tal-kawża jirriżulta li persuna mħarrka hija nieqsa mill-kapaċità għas-sewqan ta' vetturi. B'mod konformi mal--Artikolu 69a tal-istess kodiċi, dan l-irtirar isir flimkien mal--impożizzjoni ta' perijodu li fih ma tkunx tista' ssir applikazzjoni għal liċenzja tas-sewqan ġdida (perijodu ta' projbizzjoni) li jista' jvarja minn sitt xhur sa ħames snin u jista' wkoll, f'ċerti ċirkustanzi, ikun għall-għomor.

17 Skont l-Artikolu 46 tal-FeV, dispożizzjoni li timplementa l-Artikolu 3 tal-Liġi dwar iċ-ċirkolazzjoni fit-toroq (Straßenverkehrsgesetz), l-awtorità maħtura sabiex toħroġ il-liċenzja tas-sewqan għandha tirtira d-dritt tas-sewqan jekk jirriżulta li l-possessur ta' liċenzja tas-sewqan m'għandux il-kapaċità għas-sewqan ta' vetturi. B'mod konformi mal-paragrafu 5 tal-imsemmi Artikolu 46, id-dritt tas-sewqan jispiċċa mal--irtirar tal-liċenzja tas-sewqan. Fil-każ fejn din il-liċenzja tkun inħarġet f'pajjiż ieħor, l-irtirar tagħha jġib it-tħassir tad-dritt tas-sewqan ta' vetturi fit-territorju nazzjonali.

Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-kapaċità għas-sewqan

18 L-Artikolu 11 tal-FeV, bit-titolu "Kapaċità", jispeċifika:

"(1) Il-persuni li japplikaw għal liċenzja tas-sewqan għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet fiżiċi u mentali neċessarji għal dan il-għan. Dawn il-kundizzjonijiet

ma jkunux sodisfatti b'mod partikolari fil-każ ta' mard jew nuqqasijiet previsti fl-Anness 4 jew fl-Anness 5 li jeskludu l-kapaċità [għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur] jew il-kapaċità limitata għal [dan is-sewqan]. […]

(2) Jekk ikun hemm fatti li joħolqu dubji fir-rigward tal-kapaċitajiet fiżiċi jew mentali tal-applikant għal liċenzja tas-sewqan, l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-liċenzja tas-sewqan jistgħu jeħtieġu li l-parti interessata tressaq rapport mediku għall-finijiet tad-deċiżjonijiet dwar il-ħruġ jew it-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan, jew dwar l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet. […]

(3) Għall-finijiet previsti fil-paragrafu 2, jista' jkun rikjest li jitressaq rapport ta' ċentru ta' kontroll tal-kapaċità għas-sewqan uffiċjalment rikonoxxut (rapport mediku-psikoloġiku) sabiex jitneħħew id-dubji fir-rigward tal-kapaċità għas-sewqan [b'mod partikolari]

[…]

4. fil-każ ta' infrazzjonijiet serji jew ripetuti tal-kodiċi tas-sewqan jew reati marbuta maċ-ċirkolazzjoni fit-toroq jew mal-kapaċità għas-sewqan […]

jew

5. meta tingħata mill-ġdid il-liċenzja tas-sewqan,

[…]

b) meta l-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan ikun ibbażat fuq xi waħda mir-raġunijiet previsti fil-punt 4.

[…]

(8) Jekk il-persuna kkonċernata tirrifjuta li toqgħod għal eżami jew jekk hija ma tipprovdix fil-ħin lill-awtorità kompetenti fil-qasam tal-liċenzji tas-sewqan ir-rapport mediku li jkun ġie rikjest, l-awtorità kompetenti jkollha d-dritt tasal għall-konklużjoni fid-deċiżjoni tagħha li l-persuna kkonċernata m'għandhiex il-kapaċità għas-sewqan. […]"

19 Intitolat "Kapaċità fil-każ ta' problemi tal-alkoħol", l-Artikolu 13 tal-FeV jagħti s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti jeżiġu, f'ċerti ċirkustanzi, il-preżentazzjoni ta' rapport mediku-psikoloġiku għall-finijiet ta' deċiżjonijiet relattivi kemm għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan, kif ukoll għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet jew ta' kundizzjonijiet f'dak li jirrigwarda d-dritt tas-sewqan. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta, skont opinjoni medika jew fuq il-bażi ta' ċerti fatti, ikun hemm indizji ta' konsum abbużiv tal-alkoħol jew meta infrazzjonijiet fil-qasam taċ-ċirkolazzjoni fit-toroq ikunu twettqu diversi drabi taħt l-influwenza tal-alkoħol.

20 L-Artikolu 14 tal-FeV, li għandu t-titolu "Kapaċità fil-każ ta' problemi ta' droga", huwa fformulat kif ġej:

"(1) Għall-finijiet ta' deċiżjonijiet dwar il-ħruġ jew it-tiġdid tal-liċenzja tas-sewqan, jew dwar l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet, l-awtoritajiet

kompetenti jordnaw li jitressaq rapport mediku (it-tielet sentenza tal-Artikolu 11(2)) meta ċerti fatti joħolqu l-ħsieb

1. li hemm dipendenza fuq id-droga fis-sens tal-Liġi dwar id-drogi [(Gesetz über den Verkehr mit Betäubungsmitteln [Betäubungsmittelgesetz])] fil-verżjoni ppubblikata fl-1 ta' Marzu 1994 (BGBl. [1994] I, p. 358), kif emendata […] permezz tal-Artikolu 4 tal-Liġi tas-26 ta' Jannar 1998 (BGBl. [1998] I, p. 160), fil-verżjoni applikabbli, jew fuq sustanza oħra li għandha effett psikoattiv,

2. li hemm konsum ta' droga fis-sens tal-Liġi dwar id-drogi, […]

[…]

(2) Hemm lok li jkun rikjest rapport mediku-psikoloġiku għall-finijiet tal-paragrafu 1 meta

1. il-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet irtirata għal xi waħda mir-raġunijiet previsti fil-paragrafu 1 jew

2. ikun meħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-persuna kkonċernata tkunx għadha fi stat ta' dipendenza fuq id-drogi jew — mingħajr ma tkun dipendenti fuqhom — tkunx għadha tieħu s-sustanzi msemmija fil-paragrafu 1."

21 L-Artikolu 20(1) tal-FeV jipprevedi li, fil-każ ta' ħruġ ta' liċenzja ġdida tas-sewqan wara li tkun ġiet irtirata liċenzja tas-sewqan, japplikaw id-dispożizzjonijiet relattivi għall-ewwel ħruġ ta' liċenzja. Jekk, skont l-Artikolu 20(2) ta' din il-liġi, l-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għall-obbligu li jsiru mill-ġdid l-eżamijiet marbuta mal-ħruġ tal-liċenzja meta ma jkun hemm ebda indizju li l-applikant m'għadx għandu l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa għal dan il-għan, l-Artikolu 20(3) jipprevedi li tali deċiżjoni ma taffettwax l-obbligu li jiġi ppreżentat rapport mediku-psikoloġiku previst fil-punt 5 tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tal-FeV.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

Il-kawża C-329/06

22 A. Wiedemann, ċittadin Ġermaniż, ilu joqgħod fil-Ġermanja mit-30 ta' Ġunju 1995, l-ewwel f'Bad Waldsee, u mbagħad f'Wangen im Allgäu.

23 Fid-29 ta' April 2002, il-Landratsamt Ravensburg (Amministrazzjoni tad-distrett ta' Ravensburg) ħarġitlu liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B għal perijodu ta' prova ta' sentejn. Fit-2 ta' Settembru 2003, A. Wiedemann ġie rikjest jipparteċipa f'seminar ta' taħriġ wara infrazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni fit-toroq. Fl-20 ta' Marzu 2004, test tal-urina wera li kien ħa l-eroina u l-kannabis. F'dik l-okkażjoni, huwa kien ammetta konsum regolari tal-kannabis.

24 B'deċiżjoni tal-14 ta' April 2004, il-Landratsamt Ravensburg irtirat il-liċenzja tas-sewqan ta' A. Wiedemann għar-raġuni li ma kienx kapaċi jsuq vettura bil-mutur minħabba l-konsum tiegħu tad-droga.

25 L-ilment imressaq minnu kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mir-Regierungspräsidium Tübingen (Amminstrazzjoni governattiva tar-reġjun ta' Tübingen) b'deċiżjoni tas-16 ta' Awwissu 2004, li saret eżekuttiva fl-20 ta' Settembru 2004.

26 Fid-19 ta' Settembru 2004, li kien il-Ħadd, l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-liċenzji tas-sewqan tal-belt ta' Karlovice (ir-Repubblika Ċeka) adottaw deċiżjoni li rrikonoxxiet id-dritt tas-sewqan lil A. Wiedemann. Fl-1 ta' Ottubru 2004 inħarġitlu liċenzja tas-sewqan Ċeka tal-kategorija B li kienet tindika "Bad Waldsee, il-Ġermanja" bħala l-post ta' residenza tal-possessur.

27 B'din il-liċenzja tas-sewqan, A. Wiedemann saq fil-Ġermanja, fejn ikkawża inċident fil-11 ta' Ottubru 2004. Fis-16 ta' Ottubru 2004, din il-liċenzja ġiet issekwestrata mill-amministrazzjoni tal-pulizija ta' Ravensburg.

28 B'deċiżjoni tal-Landratsamt Ravensburg tas-27 ta' Ottubru 2004, A. Wiedemann ġie skwalifikat mid-dritt tiegħu tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur fil-Ġermanja, kif dan id-dritt jirriżulta mil-liċenzja tas-sewqan Ċeka tiegħu, peress li kien għadu ma pprovax, skont il-liġi Ġermaniża, il-kapaċità tiegħu għas-sewqan ta' tali vetturi. Din il-liċenzja tas-sewqan ngħatatlu lura wara li fiha tniżżel dan li ġej: "Il-liċenzja tas-sewqan ma tawtorizzax is-sewqan ta' vetturi bil-mutur fil-Ġermanja".

29 Permezz tal-intervent tal-awtoritajiet Ġermaniżi, il-Ministeru tat-Trasport Ċek ġie informat li kienet inħarġet liċenzja tas-sewqan mill-awtoritajiet kompetenti Ċeki mingħajr ma ttieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li A. Wiedemann kellu r-residenza

prinċipali tiegħu fil-Ġermanja u lanqas il-fatt li kien hemm irtirar preċedenti tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kapaċità għas-sewqan minħabba konsum ta' drogi, li barra minn hekk huwa persistenti.

30 B'ittri tat-18 ta' April 2005 u tal-10 ta' Jannar 2006, il-Ministeru tat-Trasport Ċek iddikjara li kellu jsir stħarriġ tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti Ċeki.

31 Wara li tilef il-proċedura ta' lment kontra d-deċiżjoni tas-27 ta' Ottubru 2004, A. Wiedemann ippreżenta, fis-6 ta' Lulju 2005, rikors quddiem il-Verwaltungsgericht Sigmaringen (Qorti amministrattiva ta' Sigmaringen), li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva [91/439] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-irtirar amministrattiv tal-liċenzja tas-sewqan magħmul fl-Istat [Membru] ta' residenza minħabba nuqqas ta' kapaċità għas-sewqan ma jostakolax il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan minn Stat Membru ieħor u li l-Istat [Membru] ta' residenza għandu fil-prinċipju jirrikonoxxi wkoll liċenzja tas-sewqan bħal din?

2) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1(2), tal-Artikolu 7(1)(a) u tal-Artikolu 8(2) u (4), u tal-Anness III tad-Direttiva [91/439] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istat [Membru] ta' residenza m'għandu ebda obbligu li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan li l-possessur tagħha jkun kiseb bil-qerq, wara li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tkun ġiet irtirata f'[dan] l-Istat [Membru] ta' residenza, [jew] billi bil-ħsieb ikun qarraq bl-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-liċenzji tas-sewqan tal-Istat [Membru] li joħroġ il-liċenzja, mingħajr ma jkun ipprova li kien kiseb mill-ġdid il-kapaċità tiegħu għas-sewqan, [jew] permezz tal-kooperazzjoni kollużiva tal-uffiċjali tal-Istat [Membru] li joħroġ il-liċenzja?

3) L-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva [91/439] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istat [Membru] ta' residenza, wara l-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan mill-awtoritajiet amministrattivi tiegħu, jista' jissospendi b'mod provviżorju liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor jew jista' jipprojbixxi l-użu tagħha sakemm l-Istat [Membru] li jkun ħareġ il-liċenzja jeżamina jekk għandux jirtira l-liċenzja tas-sewqan miksuba abbużivament?"

32 Fis-26 ta' April 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja rċeviet kopja ta' ittra tal-14 ta' Marzu 2006 indirizzata lill-Ministru tat-Trasport Ġermaniż mill-Ministru ekwivalenti Ċek, li permezz tagħha dan tal-aħħar ikkonferma li l-liċenzja tas-sewqan Ċeka ta' A. Wiedemann kienet inħarġitlu b'mod konformi mar-regoli applikabbli. Din l-ittra u t-traduzzjoni Ġermaniża tagħha ġew ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju. B'mod konformi mal--Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-dokumenti ġew innotifikati lill-partijiet interessati kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

Il-kawża C-343/06

33 B'sentenza eżekuttiva tal-Amtsgericht Chemnitz (Qorti reġjonali ta' Chemnitz) tal-25 ta' Mejju 2001, P. Funk, possessur ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B maħruġa fil-Ġermanja fit-12 ta' Lulju 2000, instab ħati ta' sewqan meta kien taħt l-effett tal-alkoħol. Id-dritt tiegħu tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur ġie rrevokat, il-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet irtirata u ġie pprojbit milli jkollu liċenzja tas-sewqan Ġermaniża ġdida matul perijodu ta' disa' xhur li skada fl-24 ta' Frar 2002.

34 Bħala parti mill-isforzi tiegħu sabiex jikseb liċenzja tas-sewqan ġdida, P. Funk qagħad għal eżami mediku-psikoloġiku. Ir-rapport ta' dan l-eżami, tas-7 ta' Frar 2002, ikkonkluda li ma kienx kapaċi jsuq vetturi bil-mutur minħabba li kien hemm perikolu kbir li jerġa' jikser il-liġi peress li ma kienx hemm żvilupp pożittiv fil-personalità tiegħu. Madankollu, wara li attenda għal kors, P. Funk kiseb liċenzja tas-sewqan ġdida fis-26 ta' Marzu 2002.

35 Fl-okkażjoni ta' kontroll fis-17 ta' Ġunju 2002, ġie kkonstatat li P. Funk kien mill-ġdid taħt l-influwenza tal-alkoħol. Peress li rapport mediku ġdid tas-17 ta' Ġunju 2003, li sar wara l-imsemmi kontroll, ikkonkluda li kien prevedibbli li P. Funk se jkompli jsuq vetturi meta jkun taħt l-effett tal-alkoħol, l-amministrazzjoni tal-belt ta' Chemnitz, b'deċiżjoni mhux ikkontestata tal-15 ta' Lulju 2003, irtiratlu l-liċenzja ġdida tas-sewqan tiegħu.

36 Fit-2 ta' Diċembru 2003 P. Funk applika għal liċenzja ġdida. Madankollu, wara rapport negattiv tas-27 ta' Frar 2004, huwa rtira l-applikazzjoni tiegħu.

37 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li fid-9 ta' Diċembru 2004, meta huwa kien irreġistrat fir-reġistru pubbliku ta' Chemnitz bħala li kien esklużivament residenti f'dik il-lokalità, fatt li huwa stess ikkonferma iktar tard, P. Funk kiseb liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B minn Teplice (ir-Repubblika Ċeka).

38 Fl-10 ta' Frar 2005, wara li kienet ġiet informata b'dan il-fatt, l-amministrazzjoni tal-belt ta' Chemnitz talbet mingħand P. Funk rapport mediku li jistabbilixxi l-kapaċità tiegħu għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur. Peress li dan naqas milli jikkonforma ruħu ma' dan l-ordni, b'deċiżjoni tal-11 ta' Mejju 2005 l-amministrazzjoni tal-belt ta' Chemnitz irtiratlu d-dritt li jagħmel użu mil-liċenzja tas-sewqan Ċeka tiegħu fit-territorju Ġermaniż u ordnatlu, taħt piena ta' multa, li jippreżenta din il-liċenzja sabiex fiha tiġi indikata din il-projbizzjoni. B'deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2005, il-multa dovuta fil-każ li dan l-ordni ma jiġix osservat ġiet iffissata fl-ammont ta' EUR 500, filwaqt li P. Funk ġie mwissi wkoll bil-possibbiltà li din il-liċenzja tiġi rtirata.

39 Wara li tilef il-proċedura ta' lment kontra dawn id-deċiżjonijiet, P. Funk ippreżenta rikors quddiem il-Verwaltungsgericht Chemnitz (qorti amministrattiva ta' Chemnitz), li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Jista' Stat Membru jeżiġi, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva [91/439], minn possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor, li jikseb mingħand [l-] awtoritajiet amministrattivi [tal-ewwel Stat Membru] ir-rikonoxximent tad-dritt li jagħmel użu minn din il-liċenzja [fit-]territorju [tiegħu] meta l-possessur ta' din il-liċenzja tas-sewqan kellu, preċedentement, il-liċenzja tas-sewqan [preċedenti] tiegħu rtirata f'dan [l-ewwel] Stat Membru [li kien ħariġilu] jew meta [din il-liċenzja preċedenti] tkun, għal xi raġuni jew oħra, ġiet imħassra?

2) Fil-każ li għal din id-domanda tingħata risposta negattiva, [i]d- dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva [91/439] għandhom jiġu interpretati b'tali mod li Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi fit-territorju tiegħu liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru meta l-liċenzja tas-sewqan [preċedenti maħruġa mill-ewwel Stat Membru] tkun ġiet preċedentement irtirata mingħand il-persuna kkonċernata mill-awtorità amministrattiva, meta skont il-liġi tal-ewwel Stat Membru, fil-każ ta' miżuri amministrattivi ta' rtirar jew tħassir ta' din il-liċenzja tas-sewqan, m'hemmx terminu ta' żmien ta' projbizzjoni għal[l-]ħruġ ta' [liċenzja tas-sewqan ġdida] u meta waħda mill-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom il-persuna kkonċernata jkollha dritt għal [dan] il-ħruġ hija [li din tal-aħħar tkun] ipprovdiet, fuq ordni tal-awtorità amministrattiva, il-prova tal-kapaċità tagħha għas-sewqan fl-għamla ta' rapport mediku-psikoloġiku li l-modalitajiet tiegħu jkunu speċifikati skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali?

3) Fil-każ li għal din id-domanda tingħata risposta negattiva, [i]d-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva [91/439] għandhom jiġu interpretati b'tali mod li Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi fit-territorju tiegħu liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor meta liċenzja [preċedenti maħruġa mill-ewwel Stat Membru] tkun ġiet preċedentement irtirata mingħand il-possessur tagħha mill-awtoritajiet amministrattivi fit-territorju ta' [dan l-ewwel] Stat Membru […], jew meta din tkun ġiet imħassra jew meta minħabba elementi oġġettivi (nuqqas ta' residenza fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan u talba mingħajr suċċess għall-ħruġ ta' liċenzja ġdida fit-territorju ta' [l-ewwel] Stat Membru […]), hemm lok li wieħed jaħseb li l-ksib ta' liċenzja tas-sewqan [tal-Unjoni fl-Istat Membru l-ieħor] għandu biss l-għan li jiġu evitati l-kundizzjonijiet materjali stretti tal-proċedura nazzjonali fil-każ ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida, b'mod partikolari, [f'dak li jirrigwarda] ir-rapport mediku-psikoloġiku?"

40 Ittra tal-5 ta' Settembru 2005 mibgħuta mill-Ministeru tat-Trasport Ċek, li fiha ġiet ikkonfermata l-validità tal-liċenzja Ċeka ta' P. Funk, ġiet annessa mal--osservazzjonijiet ta' dan tal-aħħar u ġiet ukoll ikkomunikata lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' ittra tal-21 ta' Ġunju 2007. B'mod konformi mal--Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġusttizja, dan id-dokument ġie innotifikat lill-partijiet interessati kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

41 Permezz ta' digriet tal-10 ta' Ottubru 2006, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna li l-kawżi C-329/06 u C-343/06 jiġu magħquda għall-finijiet tal-proċeduri bil-miktub u orali u kif ukoll tas-sentenza.

42 Permezz ta' diversi mistoqsijiet bil-miktub innotifikati fl-1 ta' Awwissu 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja staqsiet lill-Gvern Ċek, minn naħa, dwar il-liġi tar-Repubblika Ċeka f'dak li jirrigwarda l-verifika tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/439 u dwar il-possibbiltà li tinħareġ liċenzja tas-sewqan li tindika residenza tal-possessur fi Stat Membru ieħor kif ukoll, min-naħa l-oħra, dwar il-kriterji applikabbli sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna jkollhiex ir-residenza tagħha f'dan l-Istat Membru u dwar l-eżistenza ta' mezzi ta' verifika fir-rigward tal-veraċità ta' din ir-residenza.

43 Permezz ta' faks li r-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja rċieva fil-31 ta' Awwissu 2007, il-Gvern Ċek wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet li kien biss b'effett mill-1 ta' Lulju 2006 li l-kundizzjoni dwar ir-residenza normali, kif prevista fid-Direttiva 91/439, ġiet introdotta fl-ordinament ġuridiku Ċek. Għall-perijodu qabel din id-data, il-leġiżlazzjoni Ċeka kienet tippermetti l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għas-sewqan lill-persuni li ma kellhomx residenza permanenti jew temporanja fit-territorju tar-Repubblika Ċeka.

Fuq id-domandi preliminari

44 Dawn id-domandi preliminari jirrigwardaw żewġ aspetti tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament, jiġifieri, il-possibbiltà, għal Stat Membru, minn naħa, li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru u, min-naħa l-oħra, li jissospendi provviżorjament id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja bħal din sakemm l-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja jiddeċiedi fir-rigward tal-eventwali rtirar ta' din il-liċenzja.

Fuq il-possibbiltà għal Stat Membru li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor

45 B'mod preliminari, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja istitwita mill-Artikolu 234, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqtal-kawża li jkollha quddiemha. F'dan id-dawl, huwa obbligu, jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew sottomessi lilha. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-missjoni li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt Komunitarju li l-qrati nazzjonali għandhom bżonn sabiex jiddeċiedu l-kawżi li jkollhom quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux espressament imsemmija fid-domandi li jsirulha minn dawn il-qrati (sentenzi tat-18 ta' Marzu 1993, Viessmann, C-280/91, Ġabra p. I-971, punt 17; tal-11 ta' Diċembru 1997, Immobiliare SIF, C-42/96, Ġabra p. I-7089, punt 28, u tat-8 ta' Marzu 2007, Campina, C-45/06, Ġabra p. I-2089, punti 30 u 31).

46 F'dan il-każ, fid-dawl tal-fatti li wasslu għall-kawżi prinċipali, kif ukoll tal-kontenut tal-osservazzjonijiet sottomessi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżami tad-domandi magħmula għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-Artikolu 7(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/439. Sabiex kemm jista' jkun tingħata risposta utli u kif ukoll sħiħa għad-domandi preliminari, il-portata tagħhom għandha, kemm-il darba l-qrati nazzjonali naqsu milli jagħmlu dan, titwessa' b'dan il-mod.

47 Bl-ewwel żewġ domandi fil-kawża C-329/06 u bit-tieni u t-tielet domandi fil-kawża C-343/06, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, fis-sustanza, jekk l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 7(1)(a) u (b), kif ukoll l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu Stat Membru (l-Istat Membru ospitanti) milli jirrifjuta li jirrikonoxxi fit-territorju tiegħu liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor (l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja) għal persuna li preċedentement kienet suġġetta, fl-Istat Membru ospitanti, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja preċedenti minħabba sewqan taħt l-effett tad-droga jew tal-alkoħol, meta din il-persuna tkun kisbet din il-liċenzja wara li jkun skada kull perijodu ta' projbizzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ġdida, iżda b'nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni tar-residenza jew tal-kundizzjonijiet tal-kapaċità li l-Istat Membru ospitanti jimponi f'dan ir-rigward bil-għan li jiżgura s-sigurtà fit-toroq.

48 Dawn id-domandi għandhom jiġu eżaminati flimkien mal--ewwel domanda fil-kawża C-343/06, li hija intiża, fis-sustanza, li jiġi ddeterminat jekk Stat Membru ospitanti jistax jeżiġi mill-possessur ta' liċenzja tas-sewqan ġdida maħruġa minn Stat Membru ieħor li jitlob, qabel ma jagħmel użu minnha, ir-rikonoxximent tad-dritt li juża din il-liċenzja fl-Istat Membru ospitanti meta l-liċenzja tas-sewqan li huwa kellu qabel kienet ġiet irtirata jew imħassra f'dan l-Istat Membru tal-aħħar.

49 Mill-ewwel premessa tad-Direttiva 91/439 jirriżulta li l-prinċipju ġenerali tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri, imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, ġie stabbilit b'mod partikolari sabiex jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ta' persuni li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih ikunu għaddew minn eżami tas-sewqan (sentenza tad-29 ta' April 2004, Kapper, C-476/01, Ġabra p. I-5205, punt 71).

50 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-imsemmi Artikolu 1(2) jipprevedi r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, ta' liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri obbligu ċar u preċiż, li ma jħalli ebda marġini ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-miżuri li għandhom jiġu adottati għat-twettiq tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 1998, Awoyemi, C-230/97, Ġabra p. I-6781, punti 41 u 43; tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-246/00, Ġabra p. I-7485, punti 60 u 61; Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punt

45; digrieti tas-6 ta' April 2006, Halbritter, C-227/05, punt 25, u tat-28 ta' Settembru 2006, Kremer, C-340/05, punt 27).

51 Minn dan jirriżulta li l-Istat Membru ospitanti ma jista' jimponi ebda formalità għar-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor. Huwa għalhekk kuntrarju għal dan il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru jiġi obbligat jitlob ir-rikonoxximent ta' din il-liċenzja fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Olanda, iċċitata iktar 'il fuq, punti 60 *et seq*).

52 Huwa l-kompitu tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja li jivverifika jekk il-kundizzjonijiet minimi imposti mid-dritt Komunitarju, b'mod partikolari dawk relattivi għar-residenza u għall-kapaċità għas-sewqan, ikunux sodisfatti u, għalhekk, jekk il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan — jekk ikun il-każ, ta' liċenzja ġdida — ikunx ġustifikat.

53 Għalhekk, meta l-awtoritajiet ta' Stat Membru joħorġu liċenzja tas-sewqan skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 91/439, l-Istati Membri l-oħra ma jistgħux jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ previsti minn din id-direttiva ġewx osservati (ara, f'dan is-sens, id-digrieti ċċitati iktar 'il fuq Halbritter, punt 34, u Kremer, punt 27). Fil-fatt, il-pussess ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru għandu jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi l-prova li l-possessur ta' din il-liċenzja kien jissodisfa, fil-jum meta nħarġitlu, l-imsemmija kundizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Olanda, iċċitata iktar 'il fuq, punt 75; id-digriet tal-11 ta' Diċembru 2003, Da Silva Carvalho, C-408/02, punt 21, kif ukoll is-sentenza Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46). Il-fatt li, b'mod konformi mal-punt 5 tal-Anness III tal-imsemmija direttiva, Stat Membru jista' jeżiġi, għal kull ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan, eżami mediku iktar iebes minn dawk imsemmija fl-imsemmi anness ma jaffettwax għalhekk l-obbligu, ta' dan l-Istat Membru, li jirrikonoxxi l-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri l-oħra skont l-istess direttiva.

54 Minn dan isegwi, fl-ewwel lok, li Stat Membru ospitanti li jissuġġetta l-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għal kundizzjonijiet nazzjonali iktar iebsa, b'mod partikolari

wara l-irtirar ta' liċenzja preċedenti, ma jistax jirrifjuta r-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor għas-sempliċi raġuni li l-possessur ta' din il-liċenzja ġdida jkun kisibha skont leġiżlazzjoni nazzjonali li ma timponix l-istess rekwiżiti bħal dan l-Istat Membru ospitanti.

55 Fit-tieni lok, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jipprekludi li Stat Membru ospitanti jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor għar-raġuni li, skont l-informazzjoni li toriġina fl-Istat Membru ospitanti, il-possessur ta' din il-liċenzja ma kienx jissodisfa, fid-data tal-ħruġ tagħha, il-kundizzjonijiet rikjesti għall-ksib tagħha (ara, f'dan is-sens, id-digriet Da Silva Carvalho, iċċitat iktar 'il fuq, punt 22, u s-sentenza Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47).

56 Fil-fatt, safejn id-Direttiva 91/439 tagħti lill-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja kompetenza esklużiva sabiex jiżgura li l-liċenzji tas-sewqan li huwa joħroġ jinħarġu b'mod konformi mal-kundizzjonijiet imposti minn din id-direttiva, huwa biss dan l-Istat Membru li jista' jieħu l-miżuri xierqa f'dak li jikkonċerna l-liċenzji tas-sewqan li firrigward tagħhom jirriżulta iktar tard li l-possessuri ma kinux jissodisfaw l-imsemmija kundizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, id-digriet Da Silva Carvalho, iċċitat iktar 'il fuq, punt 23, u s-sentenza Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

57 Meta Stat Membru jkollu raġunijiet serji sabiex jiddubita r-regolarità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, huwa l-kompitu tiegħu li jinforma lil dan tal-aħħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni reċiproka u tal-iskambju ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 91/439. Fil-każ li l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja ma jiħux il-miżuri xierqa, l-Istat Membru ospitanti jista' jibda proċeduri skont l-Artikolu 227 KE kontra dan tal-aħħar sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva 91/439 (ara, f'dan is-sens, id-digriet Da Silva Carvalho, iċċitat iktar 'il fuq, punt 48).

58 Huwa veru li, għal raġunijiet ta' sigurtà taċ-ċirkulazzjoni fit-toroq — kif jirriżulta mill-aħħar premessa tad-Direttiva 91/439 — l-Artikolu 8(2) u (4) ta' din id-direttiva

jippermetti lill-Istati Membri sabiex, f'ċerti ċirkustanzi, japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar u t-tħassir tal-liċenzja tas-sewqan fir-rigward ta' kull possessur ta' liċenzja li għandu r-residenza normali tiegħu fit-territorju tagħhom.

59 Madankollu, għandu jiġi mfakkar, minn naħa, li din il-fakultà, inkwantu tirriżulta mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/439, tista' tiġi eżerċitata biss fuq il-bażi tal-imġiba tal-persuna involuta wara l-ksib tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, id-digrieti, iċċitati iktar 'il fuq, Halbritter, punt 38, u Kremer, punt 35).

60 Min-naħa l-oħra, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4), li jawtorizza lil Stat Membru jirrifjuta r-rikonoxximent tal-validità ta' liċenzja tas-sewqan miksuba fi Stat Membru ieħor minn persuna li kienet suġġetta, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' restrizzjoni, sospensjoni, irtirar jew tħassir ta' liċenzja, jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju ġenerali tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan u, minħabba f'hekk, għandu jingħata interpretazzjoni restrittiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punti 70 u 72, kif ukoll id-digrieti, iċċitati iktar 'il fuq, Halbritter, punt 35, u Kremer, punt 28).

61 F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel nett jiġi enfasizzat li, anki jekk din id-dispożizzjoni tippermetti, f'ċerti ċirkustanzi, lil Stat Membru jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, minn din id-dispożizzjoni ma jirriżultax b'daqshekk, b'mod kuntrarju għal dak li jsostni l-Gvern Ġermaniż, li l-ewwel Stat Membru jista' jissuġġetta d-dritt li tintuża liċenzja maħruġa mit-tieni Stat Membru għal awtorizzazzjoni pożittiva minn qabel (ara, f'dan is-sens, id-digriet Kremer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

62 Fil-fatt, peress li l-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan minn Stat Membru għandu jsir skont il-kundizzjonijiet minimi imposti mid-Direttiva 91/439, fosthom dawk stipulati fil-Anness III tagħha, dwar il-kapaċità għas-sewqan, interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) ta' din id-direttiva fis-sens li, b'mod ġenerali, kull persuna

li kellha liċenzja tas-sewqan li tkun ġiet irtirata jew imħassra fi Stat Membru tista' tiġi obbligata tirrikorri għand l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru sabiex tikseb l-awtorizzazzjoni li tagħmel użu mid-dritt tas-sewqan li jirriżulta mil-liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard fi Stat Membru ieħor tmur kontra l-obbligu ta' rikonoxximent reċiproku mingħajr formalitajiet.

63 L-imsemmija dispożizzjoni lanqas ma tista' tiġi invokata minn Stat Membru sabiex jirrifjuta li jirrikonoxxi b'mod indefinit, fir-rigward ta' persuna li f'dan l-Istat Membru tkun ġiet suġġetta għal miżura ta' rtirar jew tħassir ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn dan l-Istat Membru, il-validità ta' kull liċenzja li tista' tinħarġilha iktar tard minn Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 76, kif ukoll id-digrieti, iċċitati iktar 'il fuq, Halbritter, punt 27, u Kremer, punt 29). Fil-fatt, jekk jiġi aċċettat li Stat Membru jista' ġustament jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu sabiex jirrifjuta b'mod indefinit ir-rikonoxximent tal-validità ta' liċenzja maħruġa minn Stat Membru ieħor, dan jammonta saħansitra għan-negazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan li huwa ċentrali għas-sistema implementata permezz tad-Direttiva 91/439 (sentenza Kapper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 77, kif ukoll id-digrieti, iċċitati iktar 'il fuq, Halbritter, punt 28, u Kremer, punt 30).

64 B'mod iktar partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 38 tad-digriet Kremer, iċċitat iktar 'il fuq, li meta persuna tkun ġiet suġġetta, fit-territorju ta' Stat Membru, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan mingħajr perijodu ta' projbizzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ġdida, id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 jipprekludu lil dan l-Istat Membru milli jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard fi Stat Membru ieħor u, għalhekk, il-validità ta' din il-liċenzja minħabba li l-possessur tagħha ma jkunx issuġġetta ruħu għall-kundizzjonijiet rikjesti f'dan l-ewwel Stat Membru għall-ħruġ ta' liċenzja ġdida wara dan l-irtirar, li jinkludu l-eżami tal-kapaċità għas-sewqan li jiċċertifika li ma jkunx għad hemm ir-raġunijiet li kienu ġġustifikaw l-imsemmi rtirar.

65 Min-naħa l-oħra, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 91/439 ma jipprekludux lil Stat Membru milli jirrifjuta, fir-rigward ta' persuna li tkun ġiet suġġetta, fit-territorju tiegħu, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan flimkien ma' projbizzjoni ta'

applikazzjoni għal liċenzja ġdida għal perijodu determinat, li jirrikonoxxi liċenzja ġdida maħruġa minn Stat Membru ieħor matul dan il-perijodu ta' projbizzjoni.

66 Barra minn hekk, għalkemm huwa veru li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/439 ma jippermettix lill-Istat Membru ta' residenza normali jirrifjuta li jirrikonoxxi l-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor għas-sempliċi raġuni li preċedentement il-possessur ta' din il-liċenzja kellu liċenzja preċedenti rtirata fl-Istat Membru ta' residenza normali, din id-dispożizzjoni, madankollu, tippermetti lil dan l-Istat Membru, kif ġie mfakkar fil-punti 58 u 59 ta' din is-sentenza, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, jillimita, jissospendi, jirtira jew iħassar il-liċenzja ġdida kemm-il darba l-imġiba tal-possessur ta' din il-liċenzja wara l-ħruġ tagħha tiġġustifika dan skont il-liġi nazzjonali tal-imsemmi Stat Membru ospitanti.

67 Sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju, għandha t-tieni nett tiġi mistħarrġa, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, kif imfakkar iktar 'il fuq, meta jkun stabbilit li l-liċenzja ġdida tas-sewqan tkun inħarġet mingħajr ma tkun ġiet issodisfata l-kundizzjoni ta' residenza imposta mid-Direttiva 91/439.

68 F'dan ir-rigward, mir-raba' premessa ta' din id-direttiva jirriżulta li fost il-kundizzjonijiet stipulati sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fit-toroq hemm dawk indikati fl-Artikolu 7(1)(a) u (b) tal-imsemmija direttiva, li jissuġġetta l-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għal rekwiżiti dwar il-kapaċità għas-sewqan u r-residenza rispettivament.

69 Kif il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tirrileva fl-osservazzjonijiet tagħha, il-kundizzjoni tar-residenza tikkontribwixxi, b'mod partikolari, sabiex jiġi miġġieled it-"turiżmu tal-liċenzji tas-sewqan" fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan. Barra minn hekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-kundizzjoni hija indispensabbli għall-kontroll tal-osservanza tal-kundizzjoni tal-kapaċità għas-sewqan.

70 Fil-fatt, l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 91/439, li jipprovdi li kull persuna tista' tkun possessur biss ta' liċenzja tas-sewqan waħda maħruġa minn Stat Membru wieħed, jistabbilixxi l-uniċità tal-liċenzja tas-sewqan. Inkwantu hija kundizzjoni preliminari li tippermetti l-verifika ta' jekk l-applikant jissodisfax il-kundizzjonijiet l-oħra imposti minn din id-direttiva, il-kundizzjoni tar-residenza, li tiddetermina l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, tassumi, għalhekk, importanza partikolari meta mqabbla mal-kundizzjonijiet l-oħra imposti mill-imsemmija direttiva.

71 Għalhekk, is-sigurtà fit-toroq tista' tkun ippreġudikata jekk il-kundizzjoni tar-residenza ma tkunx osservata fir-rigward ta' persuna li tkun ġiet suġġetta għal miżura ta' restrizzjoni, sospensjoni, irtirar jew tħassir tad-dritt tas-sewqan fis-sens tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 91/439.

72 Minn dan isegwi li, fil-każ fejn huwa possibbli li jiġi stabbilit, mhux fuq il-bażi ta' informazzjoni li toriġina mill-Istat Membru ospitanti, iżda fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkun hemm fuq il-liċenzja tas-sewqan stess jew ta' informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina mill-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, li l-kundizzjoni tar-residenza imposta fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 91/439 ma kinitx issodisfata meta nħarġet din il-liċenzja, l-Istat Membru ospitanti, li fit-territorju tiegħu l-possessur tal-imsemmija liċenzja kien ġie suġġett għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan preċedenti, jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi d-dritt tas-sewqan li jirriżulta mil-liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor wara li jkun skada kull perijodu ta' projbizzjoni ta' applikazzjoni għal-liċenzja ġdida.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għad-domandi magħmula għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali, jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor wara li jkun skada kull perijodu ta' projbizzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ġdida impost fuq il-persuna kkonċernata u, għalhekk, il-validità ta' din il-liċenzja minħabba li l-possessur ta' din il-liċenzja ma jkunx qagħad għall-kundizzjonijiet rikjesti f'dan l-ewwel Stat Membru għall-ħruġ ta' liċenzja ġdida wara l-irtirar ta' liċenzja preċedenti, li jinkludu l-eżami tal-kapaċità għas-sewqan li jiċċertifika li ma jkunx għad hemm ir-raġunijiet li kienu ġġustifikaw

l-imsemmi rtirar. Fl-istess ċirkustanzi, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux lil Stat Membru milli jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor jekk ikun stabbilit, fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkun hemm fuq din l-istess liċenzja jew ta' informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina mill-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, li, meta nħarġet l-istess liċenzja, il-possessur tagħha, li kien suġġett, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja preċedenti, ma kellux ir-residenza normali tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja.

Fuq il-possibbiltà ta' sospensjoni provviżorja tad-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor

74 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju fil-kawża C-329/06 tistaqsi, fis-sustanza, jekk l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru jista', wara rtirar ta' liċenzja tas-sewqan mill-awtoritajiet amministrattivi tiegħu, jissospendi provviżorjament, fl-interess tas-sigurtà fit-toroq, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor meta dan tal-aħħar ikun għarraf li kien se jagħmel stħarriġ tal-modalitajiet tal-ħruġ ta' din il-liċenzja ġdida li minnu seta' rriżulta l-irtirar tagħha.

Fuq ir-rilevanza tad-domanda

75 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu fir-rigward tal-kawża C-329/06, il-Gvern Ġermaniż isostni li, bħala riżultat tal-pożizzjoni li r-Repubblika Ċeka espremiet fl-ittra tagħha tal-14 ta' Marzu 2006 msemmija fil-punt 32 ta' din is-sentenza, fis-sens li dan l-Istat Membru ma kienx se jirtira l-liċenzja ta' A. Wiedemann, din id-domanda preliminari m'għadhiex iktar rilevanti.

76 Għandu jiġi mfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 234 KE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tal-eventwali deċiżjoni ġudizzjarja, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, sakemm id-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri, C-341/05, Ġabra p. I-11767, punt 45, u tal-14 ta' Frar 2008, Varec, C-450/06, Ġabra p. I-581, punt 23).

77 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, hija għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tkun ġiet adita mill-qorti nazzjonali sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha (sentenza Varec, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ir-rifjut li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa b'mod partikolari possibbli meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba ma jkollha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, jew meta l-problema tkun ta' natura ipotetika (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi, iċċitati iktar 'il fuq, PreussenElektra, punt 39, u Laval un Partneri, punt 46).

78 F'dan il-każ, il-Gvern Ġermaniż mhux jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-mument meta nbdiet il-proċedura għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt huwa sempliċiment josserva li din id-domanda saret mingħajr rilevanza minħabba l-ittra tal-Ministru tat-Trasport Ċek tal-14 ta' Marzu 2006, peress li din tindika r-rifjut definittiv tal-awtoritjaiet Ċeki li jibdew proċedura ta' rtirar tal-liċenzja tas-sewqan Ċeka inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

79 Madankollu, huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali, u mhux tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tevalwa l-portata ta' din l-ittra sabiex tiddetermina jekk tali rifjut jirriżultax minnha. Fi kwalunkwe każ, hija biss din il-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk, fid-dawl tal-ġrajjiet li dwarhom hija kienet informata wara d-deċiżjoni tar-rinviju, ir-risposta għal din id-domanda preliminari saritx mingħajr interess għas-soluzzjoni tal-kawża li għandha quddiemha.

80 Minn dan isegwi li hemm lok li tingħata risposta għal din id-domanda preliminari.

Fuq il-mertu

81 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, meta Stat Membru jkun, fuq il-bażi tad-Direttiva 91/439, obbligat li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, l-effett utli tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan ikun ippreġudikat jekk dan l-ewwel Stat Membru jkun jista' jiddeċiedi li jissospendi d-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn din il-liċenzja sakemm it-tieni Stat Membru jkun qed jivverifika l-modalitajiet tal-ħruġ tagħha.

82 Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal din, anki jekk din il-verifika tista' twassal għall-irtirar tal-liċenzja kkonċernata, is-sospensjoni provviżorja tad-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn din il-liċenzja tkun ibbażata fuq preżunzjoni tal-illegalità tagħha li m'hijiex rikonċiljabbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 53 ta' din is-sentenza li tipprovdi li l-pussess ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru għandu jiġi kkunsidrat minn kull Stat Membru ieħor bħala li jikkostitwixxi prova li l-possessur tal-istess liċenzja kien jissodisfa, fid-data meta nħarġitlu, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzja previsti mid-Diretttiva 91/439.

83 L-Istat Membru li, wara li jkun ħa miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan fil-konfront ta' persuna, huwa obbligat, skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, li jirrikonoxxi l-liċenzja maħruġa iktar tard lil din il-persuna minn Stat Membru ieħor ma jistax għalhekk jissospendi d-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn din il-liċenzja ġdida.

84 Madankollu, meta, b'mod konformi mat-tieni parti tar-risposta mogħtija fil-punt 73 ta' din is-sentenza, Stat Membru jkollu, b'mod eċċezzjonali, id-dritt li jirrifjuta

li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, dan l-ewwel Stat Membru jista' *a fortiori* jissospendi d-dritt tas-sewqan tal-possessur ta' din il-liċenzja sakemm it-tieni Stat Membru jkun qed jivverifika l-modalitajiet tal-ħruġ tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservanza tal-kundizzjoni tar-residenza imposta fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 91/439, verifika li tista' eventwalment twassal għall-irtirar ta' din il-liċenzja.

85 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 66 ta' din is-sentenza, għandu jiġi mfakkar li Stat Membru jista', bis-saħħa tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/439, japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew it-tħassir tad-dritt tas-sewqan fil-konfront ta' possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi tal-imġiba tiegħu wara l-ħruġ ta' din il-liċenzja.

86 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li għat-tielet domanda magħmula fil-kawża C-329/06 tingħata r-risposta li l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 jipprekludu Stat Membru, li skont din id-direttiva huwa obbligat jirrikonoxxi d-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, milli jissospendi provviżorjament dan id-dritt sakemm dan l-Istat Membru tal-aħħar ikun qed jivverifika l-modalitajiet tal-ħruġ ta' din il-liċenzja. Min-naħa l-oħra, f'dan l-istess kuntest, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux Stat Membru milli jissospendi dan id-dritt jekk mill-informazzjoni li tkun tinsab fuq din il-liċenzja jew minn informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina minn dan l-Istat Membru l-ieħor jirriżulta li l-kundizzjoni ta' residenza imposta fl-Artikolu 7(1)(b) tal-imsemmija direttiva ma kinitx issodisfata fil-mument meta nħarġet din l-istess liċenzja.

Fuq l-ispejjeż

87 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qrati tar-rinviju, huma dawk il-qrati li jiddeċiedi

fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 1(2), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settemrbu 2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu Stat Membru, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali, milli jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor wara li jkun skada kull perijodu ta' projbizzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ġdida impost fuq il-persuna kkonċernata u, għalhekk, il-validità ta' din il-liċenzja sakemm il-possessur ta' din il-liċenzja ma jkunx qagħad għall-kundizzjonijiet rikjesti f'dan l-ewwel Stat Membru għall-ħruġ ta' liċenzja ġdida wara l-irtirar ta' liċenzja preċedenti, li jinkludu l-eżami tal-kapaċità għas-sewqan li jiċċertifika li m'għadx hemm ir-raġunijiet li kienu ġġustifikaw dan l-irtirar.**

   Fl-istess ċirkustanzi, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux Stat Membru milli jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor jekk ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' informazzjoni li tirriżulta fuq din l-istess liċenzja jew ta' informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina mill-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, li, meta inħarġet din il-liċenzja, il-possessur tagħha, li kien suġġett, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja preċedenti, ma kellux ir-residenza normali tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja.

2) **L-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, jipprekludu Stat Membru, li skont din**

id-direttiva huwa obbligat li jirrikonoxxi d-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, milli jissospendi provviżorjament dan id-dritt sakemm dan l-Istat Membru tal-aħħar ikun qed jivverifika l-modalitajiet tal-ħruġ ta' din il-liċenzja. Min-naħa l-oħra, fl-istess kuntest, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux Stat Membru milli jissospendi dan id-dritt jekk mill-informazzjoni li tkun tinsab fuq din il-liċenzja jew minn informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina minn dan l-Istat Membru l-ieħor jirriżulta li l-kundizzjoni tar-residenza imposta fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva ma kinitx issodisfata fil-mument meta nħarġet din l-istess liċenzja.

Firem